22000D0921(10)

21.9.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 237/73

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 57/2000

## tat-28 ta' Ġunju 2000

## li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 41/2000 tad-19 ta' Mejju 2000 ([1]).

(2) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2385/1999 ta' l-10 ta' Novembru 1999 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'affarijiet ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2393/1999 tal-11 ta' Novembru 1999 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'affarijiet ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjudin fil-punt 14 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90) fil-Kapitolu XIII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"– **399 R 2385**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2385/1999 ta' l-10 ta' Novembru 1999 (ĠU L 288, tal-11.11.1999, p. 14),

– **399 R 2393**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2393/1999 tal-11 ta' Novembru 1999 (ĠU L 290, tat-12.11.1999, p. 5)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2385/1999 u (KE) 2393/1999 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Ġunju 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

F. BARBASO

([1]) ĠU L 174, tat-13.7.2000, p. 51.
([2]) ĠU L 288, tal-11.11.1999, p. 14.
([3]) ĠU L 290, tat-12.11.1999, p. 5.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjoanli indikati.